



Brussell, 23 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12624/22

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0361(COD)

CODEC 1334
COMPET 723
MI 676
JAI 1204
TELECOM 374
CT 167
PI 119
AUDIO 90
CONSOM 228
JUSTCIV 115

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta opinjoni tiegħu fl-10 ta' Frar 2021².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' April 2021³.
4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-30 ta' Ġunju 2021⁴.

¹ 14124/20 REV 1 + ADD 1-3.
² ĠU C 149, 27.4.2021, p. 3–7.
³ ĠU C 286, 16.7.2021, p. 70–75.
⁴ ĠU C 440, 29.10.2021, p. 67–98.

5. Fil-5 ta' Lulju 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Wara li l-Parlament approva corrigendum għal dik il-pożizzjoni waqt is-sessjoni plenarja tiegħu tat-12 sal-15 ta' Settembru 2022, ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁵.
6. Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni għall-minuti tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota. Id-dikjarazzjoni tad-Danimarka għall-minuti tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 2 għal din in-nota.
7. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub:
- jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 30/22, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, kif tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota, tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.
- Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-

⁵ 10967/22.